# Ma' djul Ommi

minn KILIN



LOURDES – FRANZA

Fis-skiet ta' l-għodwa sajfija f'daqqa waħda dewa ma' l-għoljiet id-daqq ta' trombi ta' banda militari. U rajthom ġejjin, jimmarċjaw b'pass imgħaġġel, eluf u eluf ta' rġiel, lebsin bħali pajżana iżda mexjin erb'erbgħa, qishom riġment suldati. Bix-xemx tleqq fuq l-istrumenti tal-banda li mxiet quddiem qasmu x-xmara minn fuq il-pont tal-ħadid u ġibdu lejna, f'dil-wita' tħaddar, serji u siekta, Intbaħt li fosthom kien hemm ukoll xi nisa. Ilkoll anzjani, ta' fuq is-sittin sena, u lkoll b'maktur kbir tal-ħarir imlewwen imdawwar ma' għonqhom, ta' wħud aħdar, ta' oħrajn aħmar, abjad, ikħal, roża, vjola, ċelesti.

Meta għaddew kollha saqsejt min kienu. Qaluli li kollha ex-priġunieri tal-gwerra li ta' kull sena jmorru Lourdes biex ikomplu wegħda. L-ilwien ta' l-imkatar juru f'liema ta' konċentrament kienu nżammu min-nażisti.

Ma flaħtx għat-tensjoni, u bħalma tagħmel tarbija mwerwra mill-babaw, ġrejt biex naħbi wiċċi fi djul Ommi.

Kont waqajt f'dipressjoni terribbli, fejn kollox kien iswed u madwari ma rajtx ħlief mostri heddieda. Min għadda minn stat hekk jifhimni.

U x'ma taqbdekx tensjoni! Tipprova tinsa l-problemi u l-inkwiet li kull wieħed minna jiltaqa' miegħu ta' kuljum, billi tiftaħ gazzetta jew tixgħel it-televiżur. U ma tismax ħlief aħbarijiet ta' gwerer, rivoluzzjonijiet, massakri, epidemji, u traġedji ta' kull għamla, sew dawk naturali kemm dawk maħluqa mill-bniedem.

Gwerer kullimkien; nies igħibu minn wiċċ l-art, qisha xorbithom l-arja, fiċ-Ċile, fl-Arġentina, fid-drenaġġ tal-Gulag Russu; irvellijiet fl-Indja, bombi fl-Irlanda u fil-Viskaja; razziżmu brutali fl-Afrika t'Isfel u fl-Istati Magħquda ta' l-Amerka; iżjed bombi mill-Brigate Rosse, mill-Action Directe, mill-Baader Meinhof; Mafja, Andrangheta u Camorra; ħtif ta' nies innoċenti fil-Calabria; għargħar fil-Bangladexx; terremoti jheżhżu kullimkien; nixfa fis-Sahel; ġradi; u dan l-aħħar flaġell ġdid, l-AIDS tinfirex kullimkien b'ħeffa li twerwer.

Dinja rvellata. Id-diżordni u tat-taħwid li beda fit-Torri ta' Babel, meta l-bnedmin ma setgħux jiftiehmu iżjed bejniethom, għax ma baqgħux jitkellmu

b'ilsien wieħed, ħa dimensjoni dinjija. Wieħed hawn jistaqsi: x'kien li n-Nazzjonijiet Magħquda, jew kif nafuha l-U.N.O., ma rnexxilhiex issewwi dan it-taħwid u twassal għall-ftehim bejn il-popli? Naħseb li għax il-marda qiegħda ferm aktar fil-fond mill-ilsien. Il-marda tal-firda għandha l-egħruq fil-qlub, fejn isaltan l-akbar alla falz tas-seklu, l-egoiżmu.

F'pajjiżna wkoll, f'pajjiżna ċkejken fejn aktar milli poplu aħna familja waħda kbira, fejn ilkoll nitkellmu b'ilsien wieħed; fejn nistqarru twemmin wieħed; ma nistgħux niftiehmu, u ħtija tal-partiġaniżmu miġnun u stupidu daqs kemm hu bla ħtieġa, nitlewmu fuq futbol u festi, u fuq skala nazzjonali: fuq politika.

Ixxennaqt għal rokna x'imkien fejn inkun nista' ninsa u nistrieħ, għallanqas għal ftit jiem. U ftakart mill-ewwel f'Lourdes. Kont żortha bis-serqa dsatax-il sena qabel, u xtaqt nerġa nżurha, u ndum ftit iżjed. Ridt naħbi wiċċi fi djul Ommi.

Sibt dinja oħra. Dinja ta' skiet u ta' ferħ ħiemed. Nies mill-irkejjen kollha tad-dinja. Filgħodu nisma' l-quddiesa ma' Taljani ta' Albenga; nagħmel il-Via Crucis fuq dik l-għolja mbierka kollha frisk u fwieħa, imdawwar minn gruppi ta' Franċiżi, ta' Vjetnamiti u Svizzeri. Filgħaxija fil-purċissjoni jgħaddu quddiemi wara l-bandalori tagħhom pellegrinaġġi kbar, kull nazzjon tgħid ir-rużarju bl-ilsien tagħha. L-ewwel l-Ispanjoli ta' Cuenca; warajhom il-Ġermaniżi ta' Rudesheim; l-ingliżi ta' Liverpool; il-Franċiżi ta' Lille u Poitiers; Ġamajkani u Senegaliżi; Kolombjani. U magħhom ingħaqdu erba' Misidjani.

Idoqqu fil-widnejn ilsna strambi, x'aktarx l-iżjed stramb il-pollakk, ilsien il-Papa. Fit-triq taħbat ma' nies ta' kull lewn u bixra. Bjondi Skandinavi, Irlandiżi; suwed tat-Trinidad; Ġappuniżi. U lkoll imbissma. Ilkoll aħwa.

Għax hawnekk seħħ il-miraklu ta' l-għaqda bejn il-bnedmin li kienu nfirdu f'Babel. Isiru ħafna mirakli ta' fejqan mill-mard tal-ġisem, imma naħseb li dan hu l-aqwa miraklu, is-sliem bejn il-bnedmin. Għadhom jitkellmu b'ilsna differenti, tassew, imma lkoll kemm huma jkantawha bil-Latin l-Ave Maria, u fejn ma jaslux bil-kliem tasal it-tbissima sinċiera, diżinteressata u safja ta' l-aħwa. Aħwa lkoll ta' l-Omm il-Bajda. Ilkoll imiddu jdejhom biex igħinu lil ħuthom sfortunati: il-morda; ħafna minnhom fuq dak l-ispeċi ta' katalett blù; iċedulhom il-postijiet ta' quddiem fil-pjazez u f'dik il-knisja immensa u meraviljuża ta' taħt l-art, f'nofs id-Domaine.

Ilkoll iżuru l-Grotta biex jitolbu, u ħaġa ta' l-għaġeb, wara li jispiċċaw it-talb jibqgħu imsammrin hemm, ma jibbastawx jitilqu, qisha l-Madonna rabtithom bi rbit ma jidhirx bil-għajnejn. Jibqgħu hemm, igħixu s-sliem u l-hena ta' min sab dar ommu u ma jixtieqx jitħarrek minnha.

U meta ż-żmien imbierek taż-żjara jgħaddi, u jitilqu lejn djarhom, iħossuhom imsaħħin b'Fidi u Tama ġodda, riżoluti li jisimgħu t-twissija ta' Ommhom biex jindmu u jitolbu, u mkebbsin b'imħabba ġdida għal ħuthom il-bnedmin, l-imħabba li hi d-duwa tal-Madonna biex tfejjaq lil din id-dinja korrotta u pagana tagħna.

3.4.87